



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 10 Lulju 2007 (21.11)
(OR. en)**

11659/07

**TRANS 241
MAR 59
ECOFIN 320**

NOTA TA' TIFSIR

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Lulju 2007
lil:	Sur Javier SOLANA, Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli
Suġġett:	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni - Ħatra ta' Koordinaturi Ewropej għal ċerti proġetti ta' netwerk ta' transport trans-Ewropej

Id-Delegazzjonijiet isibu mehmuż dokument tal-Kummissjoni C(2007) 3190 finali.

Mehmuż: C(2007) 3190 finali



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 5.7.2007
C(2007) 3190 finali

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Dwar il-ħatra tal-koordinaturi Ewropej għal ċerti proġetti tan-netwerk trans-Ewropej għat-trasport

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

C (2007) 3190 tat-5 ta' Lulju 2007

li temenda d-Deċiżjoni Nru C (2005) 2754 ta' l-20 ta' Lulju 2005 dwar il-ħatra ta' sitt koordinaturi Ewropej għal ċerti proġetti tan-netwerk trans-Ewropej għat-trasport

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Dwar il-ħatra tal-koordinaturi Ewropej għal ċerti proġetti tan-netwerk trans-Ewropej għat-trasport

Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 17a tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 884/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar il-linji gwida Komunitarji sabiex jiġi żviluppat netwerk trans-Ewropej għat-trasport, il-Kummissjoni tista' taħtar persuniimsejha "koordinaturi Ewropej" bi ftehim mal-pajjiżi membri kkonċernati u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew. Fl-20 ta' Lulju 2005, il-Kummissjoni kienet diġà għamlet użu minn din il-possibbiltà u ħatret l-ewwel sitt persuni bħala koordinaturi Ewropej. Fost dawn il-persuni kien hemm is-Sinjura Loyola de Palacio, li kienet inkarigata mil-linja prijoritarja Nru 6 Lyon-Trieste-Divača/Koper-Ljubljana-Budapest, li sfortunatament mietet f'Diċembru 2006.

Fid-dawl ta' l-importanza tal-linja kkonċernat, jeħtieġ li tiġi identifikata persuna li għandha l-kompetenzi rikjesti sabiex tissokta bil-ħidma kumplessa li kienet ġiet fdata lis-Sinjura de Palacio.

1. Il-proġett ikkonċernat u l-missjoni tal-koordinatur.

L-ittra ta' l-inkarigu li kienet irċeviet is-Sinjura de Palacio kif ukoll il-proġett taħt ir-responsabbiltà tagħha jibqgħu l-istess bħal dawk definiti fid-Deċiżjoni preċedenti:

Proġett	Sezzjonijiet tat-triq ikkonċernati identifikati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill (data stipulata għat-twettiq)
Proġett prijoritarju Nru 6 (Kuritur V)	- Lyon-St Jean de Maurienne (2015)
" Linja ferrovjarja Lyon-Trieste-Divača/Koper-Divača-Ljubljana-Budapest-fruntiera Ukraina"	- Tunnel du Mont-Cenis (2015-2017) - Bussoleno-Turin (2011) - Turin-Venezja (2010) - Venezja-Ronchi sud -Trieste-Divača (2015) - Koper-Divača-Ljubljana (2015) - Ljubljana-Budapest (2015)

2. Il-profil tal-koordinatur

Skond il-proċedura stipulata bid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004, il-koordinaturi Ewropej għandhom jinħatru wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, u bi qbil ma' l-Istati Membri kkonċernati.

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Parlament permezz ta' l-iskambju ta' ittra tas-26 ta' April 2007 bejn is-Sur Barrot, il-Viċi-President tal-Kummissjoni u s-Sur Pöttering, il-President tal-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni għat-Trasport (TRAN) tat opinjoni favorevoli, li ġiet ikkonfermata mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlament, fil-xxx ta' Mejju. Il-President Pöttering, permezz ta' ittra ta' ...Mejju, innotifika l-opinjoni favorevoli tal-Parlament Ewropew għall-ħatra tal-koordinatur ġdid Ewropew, għas-sostituzzjoni tas-Sinjura Loyola de Palacio. L-Istati Membri kkonċernati kienu diġà kkonfermaw il-qbil tagħhom bil-miktub.

L-Artikolu 17a(2) introdott permezz tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill hawn taħt imsemmija, jistipula li "l-koordinatur Ewropew għandu jinħatar partikolarment abbażi ta' l-esperjenza tiegħu fl-istituzzjonijiet Ewropej u ta' l-għarfien tiegħu ta' kwistjonijiet marbuta mal-finanzjament u l-evalwazzjoni soċjo-ekonomika u ambjentali ta' proġetti kbar".

Barra minn hekk, biex tkun żgurata l-imparzjalità u l-indipendenza assoluta tal-koordinatur, dan ta' l-aħħar ma jistax ikun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri li jkollhom interess fil-proġett prijoritarju fdat lillu.

L-inkarigi preċedenti tiegħu ta' uffiċjal għoli fil-Kummissjoni Ewropea, ta' Direttur Ġenerali ta' DG XI (L-Ambjent), Membru tal-Parlament Ewropew u l-inkarigi li okkupa fi ħdan il-Gvern Olandiż, tqiesu li jipprovdu l-aħjar profil possibbli għall-koordinatur deskritt aktar 'il fuq. Għaldaqstant qiegħed jiġi propost li jinħatar, bħala koordinatur Ewropew, flok is-Sinjura Loyola de Palacio:

Laurens Jan Brinkhorst, għall-Proġett prijoritarju Nru 6 ("Linja ferrovjarja Lyon-Trieste-Divaca/Koper-Divaca-Ljubljana-Budapest-fruntiera Ukraina")

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

C (2007) 3190 tat-5 ta' Lulju 2007

li temenda d-Deċiżjoni Nru C (2005) 2754 ta' l-20 ta' Lulju 2005 dwar il-ħatra ta' sitt koordinaturi Ewropej għal ċerti proġetti tan-netwerk trans-Ewropew għat-trasport

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1692/96/KE tas-27 ta' Lulju 1996, fuq linji gwida tal-Komunità għall-iżvilupp tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 17a(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru C 2754(2005) ta' l-20 ta' Lulju 2005,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi

- (1) Skond l-Artikolu 17a(1) tad-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE, il-Kummissjoni tista' taħtar Koordinaturi Ewropej sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni koordinata ta' ċerti proġetti fil-qafas trans-Ewropew għat-trasport, b'mod partikolari proġetti transkonfinali jew partijiet ta' proġetti, fost il-proġetti ta' interess Ewropew.
- (2) Il-koordinaturi Ewropej għandhom jintagħżlu abbażi ta' l-esperjenza tagħhom fl-istituzzjonijiet Ewropej u l-għarfien tagħhom dwar kwistjonijiet marbuta mal-finanzjament ta' l-infrastrutturi u l-evalwazzjoni soċjo-ekonomika u ambjentali ta' proġetti kbar. Barra minn hekk, biex tkun żgurata l-imparzjalità u l-indipendenza assoluta tal-koordinaturi, dawn ma jistgħux ikun ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri li jkollhom interess fil-proġett prijoritarju fdat lilhom.
- (3) Il-koordinaturi Ewropej għandhom jaġixxu fisem u għan-nom tal-Kummissjoni, fil-qafas u fil-limiti tal-ħidma fdata lilhom. Din il-ħidma għandha tkun limitata għal proġett wieħed biss, b'mod partikolari fil-każ ta' proġetti transkonfinali, iżda jekk meħtieġ tista' tkun estiża għal proġett prinċipali sħiħ.
- (4) Il-Kummissjoni, permezz tad-Deċiżjoni Nru C (2005) 2754, ħatret persuni li l-lista tagħhom tinsab fl-Anness I ta' l-imsemmija Deċiżjoni. Fost dawn il-persuni wieħed isib isem is-Sinjura Loyola de Palacio, li mietet fl-2007. Għaldaqstant, jeħtieġ li jinħatar koordinatur Ewropew ġdid minflokha. Barra minn hekk, permezz ta' din l-

¹ ĠU L 228, 9.9.1996, p. 1. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 884/2004/KE (ĠU L 167, 30.4.2004, p. 1).

istess Deċiżjoni, il-Kummissjoni eċarat ukoll ir-regoli dettaljati għall-eżerċizzju tal-ħidma fdata lill-koordinaturi Ewropej, li tinsab fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

- (5) Wara l-ħatra ta' persuna ġdida, jinħtieġ li jiġu emendati l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni Nru C (2005) 2754.
- (6) L-Istati Membri kkonċernati kkonfermaw il-qbil tagħhom bil-miktub għal din is-sostituzzjoni.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sur Laurens Jan Brinkhorst qed jinħatar bħala koordinatur Ewropew għal-linja prijoritarja Nru°6 minflok is-Sinjura Loyola de Palacio, li mietet.

Artikolu 2

L-Annessi I u II ta' din id-Deċiżjoni għandhom jissostitwixxu d-Deċiżjoni Nru C (2005) 2754. Magħmula fi Brussell, 5 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kummissjoni
Jacques BARROT
Membru tal-Kummissjoni*

ANNEX I

ISEM	PROĠETT	
Karel MIERT VAN	<p>Proġett prijoritarju Nru 1</p> <p>"Linja ferrovjarja Berlin-Verona/Milan-Bolonja-Napli-Messina-Palermo"</p>	<ul style="list-style-type: none"> - Halle/Leipzig-Nuremberg (2015) - Nuremberg-Munich (2006) - Munich-Kufstein (2015) - Kufstein-Innsbruck (2009) - Tunnel du Brenner (2015), sezzjoni transkonfinali - Verona-Napli (2007) - Milan-Bolonja (2006) - Pont ferrovjarju fuq l-istrett ta' Messina-Palermo (2015)
Etienne Davignon	<p>Proġett Prijoritarju Nru 3</p> <p>"Linja ferrovjarja ta' veloċità kbira tal-Grigal ta' l-Ewropa"</p>	<ul style="list-style-type: none"> - Liżbona /Porto-Madrid (2011) - Madrid-Barcellona (2005) - Barcellona-Figueras-Perpignan (2008) - Perpignan-Montpellier (2015) - Montpellier-Nîmes (2010) - Madrid-Vitoria-Irun/Hendaye (2010) - Irun/Hendaye-Dax, sezzjoni transkonfinali (2010) - Dax-Bordeaux (2020) - Bordeaux-Tours (2015)
Laurens Brinkhorst Jan	<p>Proġett Prijoritarju Nru 6</p> <p>"Linja ferrovjarja Lyon-Trieste-Divača/Koper-Divača-Ljubljana-Budapest-fruntiera Ukraina"</p>	<ul style="list-style-type: none"> - Lyon-St Jean de Maurienne (2015) - Tunnel du Mont-Cenis (2015-2017) - Bussoleno-Turin (2011) - Turin-Venezja (2010) - Venezja-Ronchi sud -Trieste-Divača

		(2015) - Koper-Divaca-Ljubljana (2015) - Ljubljana-Budapest (2015)
Péter Balázs	Proġett prijoritarju Nru 17 "Linja ferrovjarja Pariġi-Strasburgu-Stuttgart-Vjenna-Bratislava »	- Baudrecourt-Strasburgu-Stuttgart (2015), y.c. pont ta' Kehl - Stuttgart-Ulm (2012) - Munich-Salzburg (2015) - Salzburg-Vjenna (2012) - Vjenna-Bratislava (2010)
Pavel Telicka	Proġett prijoritarju Nru 27 "Linja ferrovjarja "Rail Baltica" Varsavja - Kaunas - Riga – Tallinn –Helsinki”	- Varsavja-Kaunas (2010) - Kaunas-Riga (2014) - Riga-Tallinn (2016)
Karel Vinck	Koordinaturi ta' kurituri ferrovjarji u ta' I-ERTMS	

ANNEX II

Ittra ta' Missjoni

Suġġett: Inkariga ta' koordinatur Ewropew għal-linja prijoritarju Nru 6:

Sur Brinkhorst,

Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru C (2007) xxxx, ġejt maħtur Koordinatur Ewropew skond l-Artikolu 17a tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1692/96/KE tas-23 ta' Lulju 1996, fuq linji gwida tal-Komunità għall-iżvilupp tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew², kif emendatata bid-Deċiżjoni Nru 884/2004/KE. Inti ser tkun inkarigat mil-linja prijoritarja Nru 6 Lyon-Trieste-Divača/Koper-Ljubljana-Budapest" definita bl-Anness III tad-Deċiżjoni hawn fuq imsemmija.

Din il-linja tagħmel parti minn 30 proġett prijoritarju ta' interess Ewropew imsemmijin fl-Artikolu 19a ta' l-istess Deċiżjoni. Huwa ta' importanza partikolari għall-iżvilupp tal-kompettitività, tax-xogħol u tat-tkabbir fi ħadan l-Unjoni.

Il-ħidma mitluba għal dan il-proġett tinkludi, minbarra diffikultajiet ta' natura politika, problemi ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri kemm f'termini ta' sinkronizzazzjoni ta' xogħlijiet kif ukoll biex jintlaħaq ftehim finali fuq id-dettall taż-żminijiet tal-proġett u tat-tqassim tal-finanzi.

Il-missjoni tiegħek għalhekk ser tkun importanti ħafna biex tgħin lis-servizzi tal-Kummissjoni fl-ipprogrammar ta' l-interventi finanzjarji, u fid-djalogu politiku ma' l-Istati Membri biex jегħlbu dawn id-diffikultajiet.

Il-perjodu ta' ħidma tiegħek bħala koordinatur Ewropew ser ikun ta' tliet snin li jistgħu jiġġeddu bi ftehim komuni.

Il-kompiti tiegħek li joħorġu minn dawk definiti mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, jiġbru fihom prinċipalment:

i. il-promozzjoni ta' metodi komuni ta' evalwazzjoni ta' proġetti, approvati minn qabel mill-Kummissjoni u l-proviżjon, jekk ikun meħtieġ, ta' l-għarfien espert tekniku lill-promoturi tal-proġetti; għall-finanzjament ta' l-istess;

ii. it-tħejjija, ta' kull sena, ta' rapport lill-Kummissjoni, biex jintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri kkonċernati, dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-proġett, dwar l-iżviluppi l-ġodda, regolatorji jew xort'oħra, li jistgħu jaffetwaw il-karatteristiċi tal-proġett kif ukoll dwar id-diffikultajiet u l-ostakoli li jistgħu jinqalgħu u li jistgħu jikkawżaw dewmien sinifikanti fil-kuntest tad-dati previsti għat-tlestija tal-proġett, stipulati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Dan ir-rapport jista' wkoll jiġi użat mill-Kummissjoni biex tawtorizza t-tiġdid ta' l-għajjuniet pprogrammati;

iii. il-konsultazzjoni, flimkien ma' l-Istati Membri kkonċernati, ma' l-awtoritajiet reġjonali u lokali, ma' l-operaturi u ma' l-utenti tal-mezzi tat-trasport, kif ukoll mar-rappreżentanti tas-

² ĠU L 228, 9.9.1996, p. 1.

soċjetà ċivili, sabiex tkun tista' tiġi ddefinita aħjar id-domanda fil-qasam tat-trasport, il-possibbiltajiet ta' finanzjament ta' investimenti u t-tip ta' servizzi li għandhom jiġu pprovduti biex ikun iffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament;

iv. meta tintalab mill-Kummissjoni, it-tnejn ta' opinjoni għall-eżaminazzjoni tat-talbiet għall-finanzjament Komunitarju dwar il-proġetti jew il-gruppi ta' proġetti fl-ambitu tal-ħidma tiegħek.

Minbarra dawn il-kompiti, il-Kummissjoni tixtieq l-għanjuna tiegħek għall-ipprogrammata' l-għajnuniet finanzjarji Komunitarji għall-perjodu 2007-2013 tal-perspettivi finanzjarji. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tistenna b'mod partikolari li inti tgħarrafha bid-diffikultajiet li tista' tkun iltqajt magħhom u bl-opportunità li temenda l-karatteristiċi tal-proġetti deċiżi mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, b'mod partikolari fil-qafas tar-reviżjoni li jmiss tad-Deċiżjoni dwar il-linji gwida relatati man-netwerk trans-Ewropew tat-trasport.

Il-Kummissjoni tkun biss responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-kompiti tiegħek, kemm-il darba tkun tat il-kunsens tagħha minn qabel bil-miktub. Inti għandek taġixxi b'imparzjalità, indipendenza u b'kunfidenzjalità u għandek tuża l-għarfien u l-kompetenzi professjonali tiegħek fl-aħjar interess tal-Komunità.

Għandek tevita kull sitwazzjoni li tista' toħloq kunflitt ta' interess fl-oqsma li fihom inti mitlub li tintervjeni. Kull kunflitt ta' interess li jirriżulta mill-mandat tiegħek għandu jiġi nnotifikat lili mingħajr dewmien.

Barra minn hekk, inti marbut li ma tuża jew tikxef l-ebda dokument jew informazzjoni li tagħhom jista' jkollok għarfien mill-funzjonijiet tiegħek, sakemm din l-informazzjoni ma tkunx diġà ħarġet fil-pubbliku. Ir-riżultati kollha li tikseb ikunu propjetà tal-Kummissjoni Ewropea, li tista' tużahom jew tippublikhom jekk tqis li huma meħtieġa.

Fl-eżerċizzju tal-ħidma tiegħek, li għaliha m'hemm l-ebda ħlas, tingħata kumpens fiss ta' EUR 1500 fix-xahar biex tkopri l-ispejjeż kurrenti u l-ispejjeż relatati mal-missjoni tiegħek jiġu wkoll imħallsa lura, skond ir-regoli fis-seħħ fi ħdan il-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipprovdilek sostenn tekniku u amministrattiv.

Id-Direttur tan-netwerk trans-Ewropew huwa l-persuna ta' kuntatt fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għat-Trasport. Il-Kummissjoni tista' tassiguralek bil-quddiem l-appoġġ kollu tagħha fil-qagħdi tal-missjoni tiegħek kif ukoll dak tal-kollaboratur li ser ikun maħtur biex jassistik fil-ħtiġijiet ta' kuljum fuq livell tekniku u amministrattiv.

Il-Kummissjoni hija konvinta mill-appoġġ tiegħek li tqis bħala element kruċjali għas-suċċess tan-netwerks trans-Ewropej.

Id-Direzzjoni Ġenerali tat-Trasport u ta' l-Enerġija ser torganizza laqgħat regolarmet bejn il-koordinaturi Ewropej biex tippermetti l-skambju ta' informazzjoni u ta' esperjenzi.

Il-qrati Belġjani ikollhom il-ġurisdizzjoni unika li jiddeċiedu dwar il-validità, l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ta' dan il-kuntratt. Dan il-kuntratt huwa rregolat bil-liġi Belġjana.

Dejjem tiegħek.